# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tal-Erbgħa, 15 ta' Jannar 2020**

**Talba numru 514/2017SFJ**

***DORIANNE SAMMUT (165076M)***
***VS.***
***CARMELO SAMMUT (229764M)***

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fit-13 ta' Novembru 2017 li permezz tiegħu l-attriċi ippremettiet u talbet:

> *"L-attriċi titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal jogħġbu jikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lill-attriċi s-somma ta' tlett elef, mitejn u sebgħa u sebgħin Ewro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€3,277.59) rappreżentanti sehmu mill-ispejjeż ta' edukazzjoni u saħħa tal-minuri ulied il-partijiet, Nadege u Noah aħwa sammut (vide rendikont u riċevuti annessi).*"

Ra r-Risposta tal-konvenut ippreżentat fis-27 ta' Ġunju 2018 li fiha tressqu s-segwenti eċċezzjonijiet:

> *"1. Illi l-esponenti dejjem ħallas sehmu mill-ispejjeż kollha konċernanti l-minuri, inkluż kull spiża relattiva għas-saħħa u l-edukazzjoni tal-minuri.*

2. *Illi fil-maġġor parti tiegħu l-ammont reklamat ġià ġie mħallas filwaqt li r-rimanenti huma riċevuti ta' ammonti frivoli li qatt ma ġew mitluba lill-esponenti.*

3. *Illi r-rikorrenti trid iġġib prova tal-ispejjeż minnha mitluba u jekk dawn verament intefqu fuq il-minuri.*

4. *Illi l-esponenti dejjem interpella lill-attriċi sabiex jagħmlu l-konteġġi imma din dejjem irrifjutat, u wisq anqas ma tat spjegazzjoni ta' dak li kienet qegħda tallega għaliex l-għan tagħha huwa li timpika u tiġġieled ma' żewġha u dan a detriment ta' uliedha.*

5. *Illi l-esponenti ħallas ukoll diversi spejjeż konċernanti s-saħħa u l-edukazzjoni tat-tfal tal-partijiet, b'nofs dawn l-ammonti għandhom jiġu awtomatikament paċuti mal-ammont mitlub mill-attriċi u dan kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża."*

Sema' x-xhieda kollha, qara d-dokumentazzjoni kollha ippreżentata, sema' t-trattazzjoni finali li saret tul is-seduta tat-4 ta' Novembru 2019 u ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għall-15 ta' Jannar 2020.

**<u>Provi ippreżentati</u>**

It-Tribunal osserva li skont id-dokumenti a fol. 4 u 5, l-ammont mitlub permezz ta' din il-kawża huwa n-nofs tal-ammont allegatament imħallas mill-attriċi, jiġifieri nofs l-ammont ta' €6,555.18. In-nofs ta' dan huwa **€3,277.59**.

Id-dokumenti li jinsabu minn fol. 6 sa fol. 51 huma taħlita ta' riċevuti, *invoices* u dokumenti oħrajn li <u>allegatament</u> jirrigwardaw spejjeż minfuqa mill-attriċi fir-rigward tal-minuri Nadege u Noah.

Fl-udjenza tal-25 ta' Settembru 2018 xehdet l-attriċi. Hija ippreżentat kopja legali ta' digriet tal-Prim' Awla (Sezzjoni Familja) tal-10 ta' Diċembru 2015 li bis-saħħa tiegħu l-konvenut ġie ordnat iħallas lill-attriċi s-somma ta' sitt mitt Ewro (€600.00) kull erba' ġimgħat u nofs l-ispejjeż relatati mas-saħħa u l-edukazzjoni tat-tfal. Hija iċċarat li għalkemm rigward ħlas ta' manteniment kien hemm kwistjonijiet oħrajn dwar arretrati, din il-kawża tittratta biss il-ħlas tal-ispejjeż mediċi u edukattivi. L-attriċi xehdet li mill-2013 'l hawn, il-konvenut qatt ma ħallas l-ispejjeż edukattivi u mediċi tat-tfal għalkemm hija kienet għaddietlu rendikont u kopji tar-riċevuti. Hi ma tkellimx lill-konvenut *viva voce*. Għalkemm permezz tal-*e-mail* il-konvenut jgħid li ma jkollux oġġezzjoni, fil-verità l-flus ma jaslu qatt.

L-attriċi ikkonfermat li r-rendikont a fol. 4 *et seq.* kien ippreparat minnha stess u jinkludi spejjeż edukattivi u mediċi inkorsi minnha fir-rigward tat-tfal. Hija ikkonfermat il-kopji tar-riċevuti u

ikkonfermat il-veraċità tagħhom. L-attriċi spjegat li bintha Nadege tattendi skola privata u binha Noah jattendi skola tal-knisja.

Fl-udjenza tat-23 ta' Ottubru 2018 kompliet tixhed l-attriċi. Hija xehdet li l-konvenut qatt ma taha raġuni għaliex ma kienx ħallas. Hi ammettiet li l-konvenut kien għamel xi ħlasijiet hu stess, fosthom donazzjoni ta' tmien mitt Ewro lill-iskola tal-Knisja li kien jattendi t-tifel meta l-*average donation*, skont l-iskola stess, kienet ta' madwar mitejn u ħamsin Ewro. Dan kien juri li l-konvenut kien komdu jħallas iktar minn dak li kien qiegħed iħallas. Hija spjegat li kienet qed tippretendi anki l-ħlas ta' nofs l-ammont li hija kienet tat lill-iskejjel bħala donazzjoni.

L-attriċi spjegat ukoll li l-konvenut kien ħareġ *health insurance policy* għat-tfal wara li bdew il-proċeduri għas-separazzjoni iżda t-tfal ma tantx ibbenefikaw minnha għax ma tantx kellhom bżonn spejjeż mediċi u inoltre, spiża bħal per eżempju dik ta' nuċċali ma kinitx koperta mill-polza. L-attriċi kompliet tgħid li skont id-digriet tal-qorti kompetenti, spejjeż relattivament għal attivitajiet sportivi kellhom jitħallsu esklussivament mill-missier u qalet li f'dak ir-rigward, ħallas kollox hu. Hija qalet ukoll li ma ppreżentatx riċevuti li jappartjenu spejjeż li ġew maqsumin *at source* bħal spejjeż tat-trasport tal-iskola.

Fil-kontro-eżami li sarilha, l-attriċi xehdet li binhom beda jattendi skola tal-Knisja fis-sena akkademika 2013-2014 meta kienu diġà bdew il-proċeduri tas-separazzjoni. It-tifel kien jattendi *St Paul's Missionary College* filwaqt li t-tifla kienet tattendi *St Catherine*, li hija skola privata. L-attriċi mbagħad kompliet tixhed dwar donazzjonijiet li saru lill-iskejjel relattivi u dwar dak li kienet taf dwar il-*health insurance policy*.

Il-konvenut xehed billi irrefera għal numru ta' *e-mails* skambjati bejn il-partijiet u qal li hi ma kinitx tagħtih informazzjoni fis-sens li ma kinitx twieġbu kif imiss meta hu kien jitlob xi kjarifika. Bħala eżempju, il-konvenut iċċita drabi meta l-attriċi kienet titolbu ammont partikolari bħala s-sehem tiegħu mill-ispiża minfuqa iżda mbagħad, ir-riċevuta relattiva ma tkunx tikkorrispondi mal-ammont li hu jkun intalab iħallas. Il-konvenut saħaq li dawn kienu l-uniċi diffikultajiet u hu ma kien qatt iċaħħad lill-attriċi minn dak dovut lilha.

Fl-udjenza tal-4 ta' Novembru 2019 xehed il-konvenut in kontro-eżami. Huwa spjega hekk:

- Rigward id-dokumenti a fol. 230, 231, 232 u 233, il-konvenut ikkonferma li huwa kien indika li jaqbel li għandu jħallas nofs l-ispejjeż murija. Dawn jikkonsistu f'notamenti tiegħu relattivament għad-dokumentazzjoni ppreżentata mill-attriċi (fol. 6 sa 51).

- Rigward l-ispejjeż magħmulin qabel id-digriet tal-10 ta' Diċembru 2015, huwa iddikjara li kien lest iħallas nofs l-ispejjeż dejjem jekk jitħallas hu nofs l-ispejjeż li huwa kien ħallas qabel din id-data.

- Rigward id-dokument a fol. 231, il-konvenut ikkonferma li kien jaqbel mal-ammonti murija.

- Rigward l-ispejjeż tal-iskola sajf, il-konvenut qal li ma qabilx li dan l-ammont kien dovut għax binhom Noah kien wera x-xewqa li jqatta' l-vaganzi mal-konvenut minflok imur l-

iskola sajf. Il-konvenut qal ukoll li kien avża lill-attriċi li ma kienx qiegħed jaċċetta li jħallas l-ammont relattiv. Huwa iċċara li nonostante, kien ta l-kunsens tiegħu biex it-tifel imur l-iskola sajf wara li l-attriċi aċċertatu li ma kienx ser jintalab iħallas.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

It-Tribunal josserva:

1. A fol. 4 hemm elenku tad-dokumentazzjoni ippreżentata mill-attriċi fejn hija taqsam id-dokumentazzjoni minnha ippreżentata f'erba' taqsimiet:

- Taqsima A – **total ta' €1,173.81**
- Taqsima B – **total ta' €1,371.10**
- Taqsima Ċ – **total ta' €734.44**
- Taqsima D – **total ta' €3,275.83**

**Dan jammonta għal €6,555.18 li meta diviż bejn tnejn, l-attriċi tgħid li l-konvenut għandu jagħtiha €3,277.59.**

2. Il-konvenut għamel in-notamenti tiegħu (fol. 230 sa 233) dwar id-dokumenti ippreżentati mill-attriċi u jargumenta li huwa għandu jħallas:

- Minn taqsima A – **€998.90**
- Minn taqsima B – **€1,351.07**
- Minn taqsima Ċ – **€734.44**
- Minn taqsima D – **€2.749.33**

**Dan jammonta għal €5,833.84 li meta diviż bejn tnejn, il-konvenut jgħid li huwa għandu jagħti biss lill-attriċi €2,916.87.** Iżda l-konvenut jgħid ukoll li fir-rigward tal-ispejjeż magħmulin qabel id-digriet tal-10 ta' Diċembru 2015, kien lest li jħallas in-nofs ta' tali spejjeż **jekk hu jitħallas** nofs l-ispejjeż li ħallas qabel l-istess digriet. Għalhekk, qiegħed jaċċetta li jħallashom iżda fuq kundizzjoni.

3. It-Tribunal jirreferi għad-digriet ippreżentat mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) tad-29 ta' Mejju 2013. Dan ġie ippreżentat fl-atti bħala dokument DS1. Hemm digriet ieħor tal-istess qorti datat 10 ta' Diċembru 2015 immarkat dokument DS2. Id-digriet tad-29 ta' Mejju 2013 jirreferi għar-rikors datat 17 ta' Mejju 2013. Dan ir-rikors jindika talba għall-kura u kustodja u talba għall-manteniment ta' €750.00 fix-xahar (fol. 83). Id-digriet ippreżentat (tad-29 ta' Mejju 2013) jiċħad l-ewwel talba u jilqa' t-tieni talba kif ukoll jakkorda l-aċċess. Dan ifisser li skont dan l-istess digriet, ġie iffissat manteniment ta' €750.00 fix-xahar u ma jirreferix speċifikament għall-ispejjeż tal-edukazzjoni u s-saħħa. It-tieni digriet (tal-10 ta' Diċembru 2015) jirreferi għar-rikors datat 20 ta' Novembru 2015 li kien rikors li bih il-konvenut Carmelo Sammut stqarr li ma kellux ikompli iħallas il-

manteniment li kien qiegħed iħallas iżda kellu jħallas biss €400.00 fix-xahar (fol. 86). Il-qorti kompetenti ordnat li l-konvenut iħallas €600.00 kull erba' ġimgħat (fol. 87) "*oltre nofs l-ispejjeż għas-saħħa u edukazzjoni tagħhom*", li hija referenza ċara għall-minuri. Għalhekk, dan it-Tribunal ser jikkunsidra l-ispejjeż tal-edukazzjoni u tas-saħħa li saru wara dan id-digriet, jiġifieri wara l-10 ta' Diċembru 2015.

4. Fuq kollox, il-konvenut ma ġabx provi ta' ħlasijiet li għamel huwa stess, kif jallega fil-paragrafu numru 5 tar-Risposta. Anki kieku stess hemm prova ta' ħlasijiet, m'hemm ebda digriet qabel l-10 ta' Diċembru 2015 li jordna li l-ispejjeż tal-edukazzjoni u s-saħħa tal-minuri jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

5. Fid-dikjarazzjoni li għamel il-konvenut (fol. 230, 231 u 232), huwa irrefera għall-kundizzjoni <u>biss</u> fir-rigward tal-ispejjeż li saru qabel id-digriet tal-10 ta' Diċembru 2015 u mhux għal dak dovut wara l-istess digriet. Dan it-Tribunal mhux ser jirreferi għall-ispejjeż li saru qabel l-10 ta' Diċembru 2015 peress li d-digriet tal-qorti kompetenti jindika ħlas bin-nofs minn dik id-data 'l quddiem. Ma jidhirx li qabel id-digriet tal-10 ta' Diċembru 2015 kien hemm struzzjonijiet mill-qorti kompetenti relattivament għal kif kellhom jinqasmu l-ispejjeż relattivament għas-saħħa u l-edukazzjoni tal-minuri.

6. Fil-verità, il-konvenut kien qiegħed iħallas aktar manteniment li seta' kopra anki dawn l-ispejjeż tal-edukazzjoni u s-saħħa tal-minuri

7. Għal din ir-raġuni, it-Tribunal ser jirreferi għall-ispejjeż indikati u magħmulin wara l-10 ta' Diċembru 2015 fejn il-konvenut stess qabel li jħallas:

   - Minn Taqsima A – €597.81;
   - Minn Taqsima B – €733.97;
   - Minn Taqsima Ċ – €425.94; u
   - Minn Taqsima D – €204.01

   **Total: €2,057.76**
   **Nofs dan l-ammont huwa <u>€1,028.88</u>.**

8. Dwar l-iskola sajf indikat f'Taqsima A, li l-konvenut ma qabilx li jħallas (€20.00 u €134.40), it-Tribunal huwa tal-fehma li dawn huma spejjeż relatati mal-edukazzjoni li għandhom jitħallsu. Għalhekk, nofs dan, jiġifieri €77.20, għandu jiżdied mal-ammont totali ta' €1,028.88 u b'hekk wieħed jasal għal total ta' **€1,106.08**.

9. It-Tribunal josserva wkoll li jekk kien hemm xi ħlasijiet li l-konvenut kien għamel, ta' liema ħlasijiet huwa allegatament ma tħallasx, messu ippreżenta kontro-talba fl-atti ta' din l-azzjoni. Din ma saritx u għalhekk it-Tribunal mexa strettament fuq dak ipprovdut iżda li seta' jiġi identifikat u ivverifikat.

10. It-Tribunal josserva li l-partijiet messhom evitaw l-intavolar ta' kawża bħal din speċjalment meta dan kollu jirrigwarda t-tfal tagħhom u għandhom isegwu d-digriet tal-

qorti kompetenti mingħajr argumenti u telf taż-żmien, kemm għalihom infushom kif ukoll għall-qrati u t-tribunali.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jiċħad l-eċcezzjonijiet tal-konvenut u jilqa' t-talbiet tal-attriċi limitatament għal **elf u mija u sitt Ewro u tmien ċenteżmi (€1,106.08)** u jikkundanna lill-konvenut iħallas dan l-ammont lill-attriċi.

Billi l-attriċi ma talbitx imgħax, ebda imgħax ma hu dovut.

It-Tribunal jordna li l-ispejjeż tal-kawża jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Jur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**